RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 22**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa' nhar**
**L-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2012 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sna. Cecilia Bonello | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Il-Profs. Anthony Grixti Soler | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 p.m.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 20**

1.01 Iċ-Ċerpersin Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 20 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Il-minuti ġew approvati. — Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 20

**2.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 21**

2.01 Iċ-Ċerpersin Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 21 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekondat din il-proposta s-Sna. Cecila Bonello. Il-minuti ġew approvati. — Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 21

**3.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A 20**

3.01 Dwar minuta 2.02 is-Sur Lino Pace Bonello qal li 's-subheading' irid jinbidel u jiġi jaqra "Progress dwar il-bankina fi Triq F. Azopardi". Il-Kumitat qabel. — Progress dwar il-bankina fi Triq F.



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

Azopardi

**4.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A21**

4.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

**5.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A 20**

5.01 3.04 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgħa li hu flimkien mas-Sur Chris Farrugia u s-Sur Mark Anthony Bonello, il-*Foreman* tal-Enemalta għamlu 'on-site visit'. Is-Sur Pace Bonello ssuġġerixxa li l-arbli jitneħħew u ssir trinka li minnha jgħaddu s-sistemi kollha. B'sodisfazzjon qal li din il-proposta giet milqugħa mill-Enemalta. S'issa għadna qed nistennew risposta dwar kemm ser tiġi tiswa l-ispiża.

Tneħħija ta' tlett arbli tad-dawl matul Triq il-Buskett

5.01.1 Is-Sur Christopher Farrugia qal li fl-imgħoddi Triq il-Buskett kienet it-triq prinċipali li twassal għal Ħad-Dingli, iżda matul is-snin Triq Ħal Tartarni saret it-triq prinċipali. Għaldaqstant huwa saħaq li biex issir biċċa xogħol tajba, għandna napplikaw mat-Transport Malta sabiex isir 're-alignment' tat-triq.

'Re-alignment ta' Triq il-Buskett

5.02 3.05 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgha li x-xogħol fuq l-ewwel skema tlesta. Kif il-perit tal-Kunsill tiċċertifika dan ix-xogħol, tintbgħat il-'claim' lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jibagħtulna l-pagament.

Progress dwar il-bankina fi Triq F. Azopardi

5.02.1 Is-Sur Christopher Farrugia talab li l-bankina titkompla sal-bankina tal-Kunvent tal-Ursolini sabiex ikun hemm kontinwità.
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li ser titlob stima tagħha u jekk ikun hemm biżżejjed fondi, din il-parti ssir ukoll.

5.03 5.01 Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li din il-problema kienet għadha ma ġietx indirizzata. Għaldaqstant huwa talab li jsir l-irfid neċessarju.

Siġra fi Triq Carlo Fiamingo

5.04 5.04 Is-Sur Christopher Farrugia informa l-laqgħa li hu tkellem mas-sid u infurmah li ser jirranġaha.

'Inspection Chamber' imkissra fi Triq Carlo Fiamingo

5.05 5.05 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgħa li ħafna minn dawn it-tabelli qed jinqalgħu minn xi individwi irreponsabbli.

Tabelli dwar il-ħmieġ tal-klieb

5.06 5.06 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dan ir-rapport intbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Kunsill sa issa rċieva li dan ir-rapport waslilhom però ma rċevejniex kummenti dwaru. Rapport dwar xogħol mhux imwettaq

**6.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni.

**7.00 Komunikazzjoni mill-membri**

7.01 Il-Kumitat informa l-laqgħa li kien daħal ilment dwar xogħol allegatament illegali li qed isir f'garaxx fi Triq Ludovico Savoya. Ġie deċiż li dan ir-rapport għandu jgħaddi lill-pulizija. Xogħol illegali f'garaxx fi Triq Fra Ludovico Savoya

7.02 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgħa li r-residenti li joqogħdu viċin *plot* mhux mibnija fi Triq Alessandro Curmy qed jilmentaw peress li hemm ġibja li tul ix-xitwa kollha timtela bl-ilma u fis-sajf dan l-ilma jispiċċa ilma qiegħed. Konsegwenza ta' dan, qed ikun hemm ammont kbir ta' nemus. Nemus fi Triq A. Curmy

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri sabiex jgħaddulha d-dettalji tas-sid tal-*plot* sabiex inkunu nistgħu ngħadduhom lis-sanità.

**8.00 Aġġornament**

8.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-24 ta' Lulju 2012 fis-6.30 p.m. Aġġornament

8.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**